

# Kemm huma bravi

**Carmen Cini**
*Chairperson Kumitat Nisa*



Reġa' wasal iż-żmien li nerġgħu nitkellmu daqsxejn flimkien. Hemm hi għaddiet sena oħra!

Ma nafx għaliex, imma minn dejjem jogħġbuni xogħlijiet speċjalment fuq bini u xogħol tal-ġebel li kienu jsiru snin ilu. Meta tiftakar li dawn l-antenati tagħna ftit jew xejn kienu jmorru skola, aktar tikkonvinċi ruħek kemm kienu bravi. Xħin tħares lejn bini maestuż bħal knejjes, palazzi u mużewijiet u bini storiku ieħor tistaqsi lilek innifsek, "Imma dawn għamlu kollox bl-abbilità tagħhom biss?" Periti u inġiniera kien hawn ftit wisq, għalhekk kien ikollhom jillapazzaw b'li jafu huma. U xi ngħidu għall-għodda li kellhom? Fejn kienu l-magni u l-krejnijiet biex itellgħu t-tagħbijiet tagħhom? Għandhom raġun jekk baqa' xi wieħed minnhom u jara bini tal-lum tiela' jistagħġeb. Bilkemm ma jkunx hemm xi ħadd li jaħseb li xi blokka bini tmiss massema nbniet mill-ħares daqs kemm tinbena malajr!

U xi ngħidu għal dawk li għamlu suċċess finnegozju. Mingħajr ma għamlu qatt somma l-iskola dawn rnexxew fix-xogħol tagħhom. Lanqas biss kienu jafu x'inhu accountant.

Ara ma taħsbux li qiegħda mmaqdar it-tagħlim li hawn illum, jew l-għodda li lanqas biss kienu joħolmu bihom missirijietna. U mbagħad xħin taħseb fit-teknoloġija tal-lum, naħseb jgħidulek "Dik xi tkun?" Niftakar liz-ziju li bilkemm kien jemmen li jkunu jafu r-rapport tat-temp ta' xahar wara. Kien ikun jaf li ser idur ir-riħ meta jara l-qattusa taħsel wiċċha u kien jgħid li r-riħ ser idur mil-Lbiċ għall-Majjistral skont 'il fejn iddawwar wiċċha. Dawn ir-rakkonti ma jispiċċaw qatt. Għalhekk għandna nneħħu l-kappell għal dawn in-nies bravi.

La qiegħda nsemmi l-anzjani l-ewwel awguri tiegħi jmur għalihom, sew dawk li jistgħu jgawdu l-festa u anke lil dawk li ma jistgħux. Naf li għal dawn in-nies il-festa kienet għażiża wisq sew għaliex il-Madonna kienet l-ewwel ħsieb tagħhom u wkoll għax il-festa kienet l-akbar sors ta' divertiment.

Nawgura li l-Vitorja 2018 tkun mezz ta' għaqda bejn l-Melliħin kollha.

Viva Marija Bambina!

**VS WHOLESALE**

103, Ta' Masrija, Mellieħa

Mobile: 79603243